**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed**

Kaz Numru: 35/2016

Illum 1 ta' Marzu 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed**, imwieled Alexandria, Egittu nhar is-17 ta' Awwissu 1975 u residenti fil-fond Block P, Flat 1, Triq Lapsi, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18535(A), akkuzat talli fis-6 ta' Dicembru 2015 ghall-habta ta' 3:30a.m. waqt li kien gewwa l-West End Bar li jinsab gewwa Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex:

1. Volontarjament ikkaguna hsara fuq nuccali tal-vista liema hsara tammonta ghal mhux aktar minn 250 ewro ghad-dannu ta' Christiana Vella;

2. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

3. Hebb ghal Christiana Vella u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. Xuereb Curmi;

4. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Christiana Vella biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha;

5. Naqas li josserva jew kiser xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni liema ordni nharget b'sentenza definittiva datata 21/08/2015 mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta' Christiana Vella ghall-perijodu ta' sena u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**PRELIMINARI**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija marbuta bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha. Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali

jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali. Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, *ossia carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju

dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuzi li jkunu gew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Fatti tal-kaz:**

Il-kaz imur lura ghas-6 ta' Dicembru 2015 fejn ghall-habta ta' 3:30a.m. waqt li l-imputat kien gewwa l-West End Bar li jinsab gewwa Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex kellu incident ma' Christina Vella fejn ikkagunalha griehi hfief u kisrilha n-nuccali u dan waqt li kienet fis-sehh Ordni ta' Protezzjoni.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll

komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**
**<u>Hsara volontarja</u>**

Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti se taghti ragun lill-imputat meta jghid illi ma ngabitx dik il-prova li turi li l-kwerelanta sofriet hsara fl-ammont minnha pretiz. Il-kwerelanta ma esebietx ircevuta tal-hsarat dwar dan. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija –vs- Joseph Zahra** (App Krim 24.2.2003) rriteniet illi stima ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni ex parte u mhux ta' Perit nominat mill-Qorti. Naturlament kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in ispeci tieghu izda meta jitqies illi l-kwerelanta ma esebietx ircevuta tat-tiswija tal-hsarat u anqas biss tiddiskrivi t-tiswija li ghandha ssir, u ghalhekk il-Qorti se tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 338(ff)</u>**

Il-Prosekuzzjoni qieghda tixli lill-imputat li f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu. Il-Qorti ma jirrizultalhiex dan tant li l-imputat kien jaf x'qieghed jaghmel anke jekk ta l-impressjoni li dak li kien qieghed iwettaq ma kienx jafx li qieghed iwettqu

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 221. (1)</u>**

**L-Artikolu 221.** (1) jipprovdi li *"l-offiżà fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa."*

Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**Ir-raba' imputazzjoni**
**Artikolu 251B (1)**

**L-artikolu 251B.** (1) jipprovdi li *"persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibżà' li se tintużà vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibżà' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċentezmu (4,658.75) u mhux izjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċentezmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjużà jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biżà' f'ħaddieħor li ser tintużà vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biżà' fil-persuna l-oħra f'dik l- okkażjoni.*

Illi, b'riferenza ghar-reat ta' fastidju, il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtiha fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

> *"Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:*
>
> *"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or*

*persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal- gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-***Pulizija vs. Alan Caruana Carabez*** *[21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".*

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz '*harassment*') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht it-tielet imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgha ('*alarming*') jew idejjaq ('*causing...distress*') lill-persuna.

Bl-imgieba tieghu kif hareg mill-provi prodotti, l-imputat ikkaguna lil Christiana Vella biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

**Ksur ta' Ordni imposta mill-Qorti:**

Ordni tal-Qorti m'ghandhiex tinkiser. Il-Qorti tkun tat tali ordni biex tissalvagwardja kemm lis-socjeta' in generali u b'mod partikolari lill-persuni li jehtiegu protezzjoni. Din il-Qorti mhix ser tiehu dan il-ksur ta' ordni b'mod legger ghaliex jekk il-Qorti tkun leggera tkun qieghda taghti l-impressjoni li thalli lil min jigi jaqa' u jqum mill-ordnijiet taghha.

Artikolu 412C (7) jipprovdi li "*Jekk mingħajr skużà raġonevoli l-akkużàt jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l- artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*"

Il-Prosekuzzjoni resqet bhala prova l-ordni mahruga b'sentenza datata 21 ta' Awissu 2015 mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta' Christiana Vella ghall-perijodu ta' sena.

B'dak li ghamel l-imputat abbuza mill-id tal-hniena tal-Qorti u allura din id-darba m'ghandux jippretendi xi klemenza.

**Vjolenza minhabba lezzjonijiet ta' religjon:**

L-imputat jinsab akkuzat b'imputazzjonijiet li graw f'lejl partikolari. Din il-Qorti kellha diga' c-cans tanalizza l-imgieba tal-imputat mhux biss fil-konfront tal-kwerelanta imma anke rigward l-atteggjament tieghu fl-Awla quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti ma tistax thalli ghaddej dak li xehdet il-vittma dwar it-theddida li ghamlilha l-imputat li jekk thalli lit-tfal jattendu ghal-lezzjonijiet tar-religjon fl-iskola primarja li jattendu jixhthilha l-actu ghal wiccha. Din hi theddida serja hafna fejn f'pajjizi ohra nisa spiccaw vittmi ta' tfiegh ta' actu lejn wicchom..

Papa Frangisku nhar l-Erbgha 3 ta' Dicembru 2014 tkellem dwar "*l-importanza li Nsara u Musulmani jħabirku flimkien għas-solidarjetà, għall-paċi u l-ġustizzja, u jaffermaw li kull Stat għandu jiżgura liċ-ċittadini u lill-komunitajiet reliġjużi l-libertà vera tal-kult.*"

L-imputat bl-atteggjament tieghu assolutament mhux ihabbrek biex l-Insara u l-Musulmani jghixu flimkien f'solidarjeta', ghall-paci u l-gustizzja. L-imputat bl-atteggjament tieghu qieghed johloq tensjoni fis-socjeta' bla bzonn, u qieghed jitfa' dell ikrah fuq persuni li jhaddnu l-Islam u li huma ezempju mill-aqwa ta' kif fis-socjeta' taghna nistghu nghixu spalla ma' spalla, religjonijiet differenti b'kulturi differenti.

Filwaqt li l-pulizija jaghtu l-protezzjoni u dan anke kif dikjarat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **K. vs. Slovakia**, App. No. 7510/04 (European Court of Human Rights), 31 May 2007 mhux dejjem ikunu fil-hin biex isalvaw lill-persuna.

> *"For a positive obligation to arise, it must be established that the authorities knew of or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk."*

Il-Qorti se tipprotegi lis-socjeta' u lill-vittma billi tikkundanna lill-imputat il-massimu li tippermettilha l-ligi ghar-reati li se jinstab hati taghhom.

Il-Qorti tappella lill-awtoritajiet sabiex jiehdu l-passi kollha necessarji biex persuni bhall-imputat ma jithallewx jigru mas-saqajn. Persuni li jkunu ta' theddida ghas-sigurta' ta' pajjizna u tac-cittadini ghandu jinbeda l-process biex jitnehhielhom l-permess ta' residenza f'pajjzna u jintbaghtu lura pajjizhom. L-imputat m'ghandu l-ebda periklu biex jirritorna lura f'pajjizu l-Egittu, m'ghandhux bzonn protezzjoni, hija s-socjeta' nnifisha li ghandha bzonn din il-protezzjoni minnu.

Din il-Qorti tqis li l-gravita' tar-reati li ghalihom l-imputat qieghed jinstab hati jimmerita piena ta' habs effettiva.

**Decide:**

Li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li ssib lil Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed mhux hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet, issibu ħati tal-imputazzjonijiet tlieta (3) u erbgha (4) migjuba kontra tiegħu u dak imnizzel fil-hames (5) imputazzjoni li kiser Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nharget b'sentenza definittiva datata 21/08/2015 mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta' Christiana Vella ghall-perijodu ta' sena u wara li rat l-Artikoli 17B, 221, 251B(1)(2) 251C u 412(7) tal-Kodici Kriminali tikkundannah għall-perjodu ta' tnax (12)-il xahar prigunerija u multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (2,329.37).

Finalment, bis-sahha u ai termini tal-Artikoli 412C u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta` Christina Vella u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qieghda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed milli jimmolesta lill-persuna msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-perjodu ta` tliet (3) snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikata.

____________________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**